MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 53/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid intom konvenuti ghaliex ma ghandkomx tigi kundannati thallsu lill-atturi s-somma ta’ disgha u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm 59.50) konsistenti fi spejjez sofferti minnhom in segwitu tal-ezekuzzjoni tal-ittri bonarji datati 8 t’April 2005 u tat- 22 ta’ Marzu 2005, tal-ittra ufficjali datata April 2005 u tal-prezentazzjoni u esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid fl-ismijiet “ Carmen u Ronald konjugi German vs Carmel u Beatrice konjugi Dalmas” bin-numru 45/2005 liema mandat gie cedut minghajr pregudizzju tal-esponenti illi jitolbu l-hlas tal-ispejjez sofferti minnhom fuq l-istess mandat stante illi intlahaq ftiehem bejn il-kontendenti dwar l-oggetti maqbuda.

Bl-ispejjez, gudizzjarji kontra taghkom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Illi l-konvenuti konjugi Dalmas qed jikkontestaw it-talba attrici ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-kawza odjerna ma tinkwadrax fil-gurisdizzjoni ta’ dana t-Tribunal u dana stante li Carmelo Dalmas m ahuwiex residenti Ghawdex izda huwa residenti 35, Vjal in-Naspli, San Gwann u dana kif jirrizulta mid-dokumenti hawn anness u markat bhala Dok. A. Il- *“privilegum fori”* huwa maghti lill-konvenut Carmelo Dalmas ai termini tal-artikolu 767 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.”

Ikkunsidra

Illi l-konvenut ghamel eccezzjoni preliminari tal-prilegium fori (sic), liema eccezzjoni trid tigi kkunsidrata qabel dan it-Tribunal jidhol fil-mertu tal-kaz.

Illi kif kellu diga’ f’diversi kawzi l-okkazjoni jirrileva dan it-Tribunal, kif prezentement ippresedut, u kif ikkonfermat anke mill-Onorabbli Qorti tal-Appell – **John u Rose konjugi Portelli vs Victor u Alfreda konjugi Cachia – Qorti tal-Appell, coram Onor Prim Imhallef Noel Arrigo moghtija fil-11 ta’ Lulju 2002 (Avviz Numru 24/01 GM)** ma hemmx Tribunal ghall-gzira ta’ Malta u iehor ghall-gzejjer t’Ghawdex u Kemmuna, bhalma hu l-kaz fir-rigward tal-Qrati u anke ta’ certi tribunali bhall-Bord Li Jirregola l-Kera u dak tal-Qbejjel, imma hemm Tribunal wiehed u uniku kemm ghal Malta kif ukoll ghal Ghawdex,u li *ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha.* Ghalhekk billi l-foro huwa wiehed, ma jistax ikun hemm *stricto sensu* privilegg li l-kaz jinstama’ quddiem foro u mhux iehor.

Kif qal dan l-istess Tribunal fil-precitata kawza:

“ Fil-kaz istanti, it-Tribunal m’ghandux dubbju li -lkonvenuti prezentement jirrisjedu fil-gzira ta’ Malta. Illi pero l-privilegium fori ma japplikax ghal dan it-Tribunal, almenu mhux kif inhu rikonoxxut fil-Kodici ta’ *Organizazzjoni u Procedura Civili. F’dak il-Kodici, insibu r-regoli li jirregolaw il-kompetenzi rispettivi ta’ qrati differenti, u cioe’ dik tal-Qrati Inferjuri u Superjuri ta’ Malta fuq naha wahda u dik tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-diversi kompetenzi taghha kem m inferjuri kif ukoll superjuri. Issa, kif diga’ kellu lopportunita jispjega dan it-Tribunal f’kawza precedenti, m’hemmx Tribunal ghal Ghawdex u Tribunal ghal Malta. Hemm biss Tribunal wiehed li ghandu kompetenza kemm fil-gzira ta’ Malta kif ukoll fil-gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna. Tabilhaqq, hemm regola fl-Att numru V tal-1995, Artiklu 3(4) li tixbah sewwa lillprivilegum fori li tippreskrivi hekk: it-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli (sottolinejar tat-Tribunal) izomm illaqghat tieghu fil-Gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talbajkollha r-residenza ordinarja taghha. Dan ifisser illi: (1) jekk il-konvenut ikun jirrisjedi Malta, allura lkawza ghandha tinzamm f’Malta sakemm il-gzira t’Ghawdex ma tkunx il-forum conveniens; (2) billi hemm Tribunal wiehed, ma jista’ jkun hemm l-ebda eccezzjoni ta’ kompetenza, imma biss eccezzjoni dwar il-gzira li fiha t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti tieghu”.*

Il-Qorti tal-Appell, majjistralment ippronuncjat ruha hekk fl-imsemmija sentenza:

“Jibda biex jinghad li l-ligi dwar it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Kap. 380) tipprovdi ghal rimedju ta’ appell **biss** fil-kazijiet elenkati fl-artikolu 8(2). Dawn huma:

(a) Kull haga li jkollha x’taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
(b) Kull kwistjoni ta’ preskrizzjoni;
(c) Kull nuqqas ta’ tharis tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 7(2);
(d) Meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita’ u ta’ l-ekwita’ skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella.

"L-eccezzjoni li biha l-konvenuti appellanti nvokaw *"l-lprivilegium fori"*, hija eccezzjoni ta' kompetenza li fil-fehma ta' din il-Qorti tinkwadra ruhha fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 380. Dan in lineja tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti (ara per ezempju s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza flismijiet **Il-Prokuratur Legali Jonathan de Maria vs Il- Prim'Ministru et** (Avviz numru: 662/97JR) deciza fid-29 ta' Jannar 1999).

"L-aggravju ta' l-appellanti jitratta dwar l-eccezzjoni sollevata minnhom fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001 (igifieri wara li pprezentataw risposta fl-20 ta' Awwissu 2001) li biha eccepew il-*privilegium fori.* Skond l-Artikolu 741[c] tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' qorti tista' tinghata *"meta hu moghti lillkonvenut*
*il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari"*. Beneficcju li huwa moghti: *"lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil- Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il- Gzejjer"*.

" Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri fejn l-Artikolu 4 tal-Kap 12 jipprovdi li dawn il-qrati huma:

(a) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-Gzira ta' Malta;
(b) il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna. Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju, l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li *"joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta"*.

"Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli

fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u *"**sa fejn ikun prattikabbli**, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha"* (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995). Il-kliem *"sa fejn ikun prattikabbli"* (*as far as practicable* fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. It-Tribunal qies iccirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari l-fatt li l-incident sehh f'Ghawdex u li l-parti l-kbira tax-xhieda jghixu f'Ghawdex, u wasal ghal konkluzjoni li jkun iktar prattikabbli li l-kaz jinstema' f'Ghawdex. L-appellanti ma ressqu l-ebda raguni valida ghalfejn id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghandha tigi disturbata."

Dan it-Tribunal hass li jiccita dawn l-estratti twal billi din il-kwistjoni ta spiss titqajjem quddiemu izda l-avukati patrocinaturi donnhom jinjoraw ghal kollox dak li mhux biss gie pacifikament stabbilit mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u moghti l-*imprimatur* tal-oghla Qorti, imma johrog car u tond mill-ittra tal-ligi.

Mal-precitati riflessjonijiet tal-Qorti suprema, dan it-Tribunal izid illi mhux minnu dak li jghid il-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu, li huwa applikabbli l-artiklu 767 ta' Kap 12. Ir-regoli ta' Kap 12, ma jrid jintesa' qatt, ma japplikawx ghal dan it-Tribunal hlief fil-kazijiet espressament kontemplati fil-ligi, u dan il-kaz ma hux wiehed minnhom.

Jonqos ghalhekk jigi deciz liema huwa l-forum l-iktar konvenjenti li fih tista' tinstama' din il-kawza. L-atti li taghhom qieghed jintalab il-hlas, li huma ittra ufficcjali u mandat ta' qbid, gew ipprerzentati f'Ghawdex. Il-konvenut innifsu ccita bhala xhud lir-Registratur tal-Qorti kif ukoll l-impjegati tieghu li prezumibilment jinstabu f'Ghawdex. Ix-xhud l-iehor, Kummissarju Elettorali jew rapprezentant tieghu, jidher li gew iccitati ghar-rigward din l-eccezzjoni, u

mhux dwar il-mertu; apparti li dan ghandu rapprezentanti jahdmu f'Ghawdex. Ghalhekk stante li l-preponderanza tax-xhieda tinstab Ghawdex u l-atti mertu tal-kawza jinstabu ukoll f'Ghawdex, il-*forum conveniens* huwa bla dubbju ta' xejn Ghawdex.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------